MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1983/2003

**Mirage Holdings Limited C6808**

**vs**

**Hamdy Gaber Moustafa Madkour**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija (Lm213.00) dovuta in kwantu ghas-somma ta' mitejn lira (Lm200) import ta' tmien (8) kambjali annessi mal-avviz u mmarkati Dok.1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' tlettax-il lira Maltija (Lm13) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata tal-avviz;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija (Lm213.00), bl-imghaxijiet legali ulterjuri mit-3 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------